MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 58/1987/1

Carmen mart Valent Vella.

vs

Dr. Alfred Grech li b'degriet tad-29 ta' Lulju 1987
Ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta
lill-imsiefer William Portelli;
u ghal kull interess li jista' jkollha,
Maria armla ta' Salvu Portelli, u b'nota tas-
16 ta' Novembru, 1990 l-attriċi Carmen Vella
ċediet it-talbiet tagħha fil-konfront tal-konvenuta
Maria armla ta' Salvu Portelli stante l-mewt ta'
l-istess Maria Portelli fil-mori tal-kawża,
u b'degriet tal-25 ta' Jannar, 1991
ġie kjamat fil-kawża Pawlu Portelli.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi fit-tmienja ta' Jannar tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (8/1/1983), miet fil-Pieta', Malta, missier il-kontendenti Carmen Vella u William Portelli, Salvatore Portelli, iben Ġanni u Maria nee' Buttigieg, imwieled u kien joqgħod in-Nadur, Għawdex (Dok. A);

Illi l-imsemmi Salvatore Portelli rregola s-suċċessjoni tiegħu b'żewġ testmenti magħmula fl-erbgħa u fis-sitta ta' Jannar tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (4.1.1983 u 6.1.1983), fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin (Dok. B u C);

Illi bit-tieni artikolu tal-ewwel testment, it-testatur ħalla t-tgawdija tal-beni tiegħu kollha favur martu l-konvenuta Maria Portelli;

Illi bis-saħħa tar-raba' artikolu tal-ewwel testment, it-testatur kien ħalla bi prelegat favur il-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom, il-lok ta' djar bin-numru tnejn u tletin (32) b'bieb ieħor mingħajr numru fi Triq Ħida, Nadur, b'mandra bil-kejl ta' cirka tomna (pari għal madwar elf, mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri (1124 m.k.)), annessa magħha; inklużi l-oġġetti "*a limine intus*" ad eċċezzjoni tal-flus u kotba rappreżentanti flus;

Illi din id-dar hija komodament diviżibbli u l-attriċi tixtieq tagħżel il-parti tagħha minn dik tal-konvenut;

Illi minkejja diversi tentattivi da parti tal-attriċi tixtieq tagħżel il-parti tagħha minn dik tal-konvenut;

Illi minkejja diversi tentattivi da parti tal-attriċi sabiex tasal għall-qasma bonarja, il-konvenut William Portelli baqa' inadempjenti.

Talbet lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tordna d-diviżjoni tal-fond bin-numru tnejn u tletin (32) b'bieb ieħor mingħajr numru ta' Triq Hida, Nadur, Għawdex, skond id-dispożizzjonijiet

testamentarji ta' Salvu Portelli, u dan ad opera ta' perit nominat għall-istess għan minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tahtar Nutar sabiex jippubblika l-att ta' qasma relattiv f'data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Taħtar kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dan l-att.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tnax ta' Gunju tal-elf disa' mija u sebgħa u tmenin (12.VI.1987) u l-ittra uffiċċjali mimgħuta wkoll f'Gunju ta' din is-sena.

il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi huwa ma għandu ebda oġġezzjoni li ssir id-diviżjoni mitluba fiċ-ċitazzjoni iżda jidhirlu li tali diviżjoni tkun fil-preżent mingħajr ebda effett prattiku stante li l-fond in kustjoni huwa soġġett għal l-użufrutt favur il-konvenuta l-oħra Maria armla ta' Salvu Portelli.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta’ Novembru 1987 fejn innominat lill-A.I.C. David Pace bħala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit ippreżentata fil-15 ta’ Settembru 1988 u minnu maħlufa fis-27 ta' Jannar 1989.

Rat in-nota ta' l-attriċi tas-16 ta' Novembru 1990 fejn ċediet il-kawża fil-konfront ta' Maria Portelli stante l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 1991 li bih ġie kjamat fil-kawża Pawlu Portelli.
Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Pawlu Portelli fejn eċċepixxa illi:

1. In-nullita' tal-istess kawża u dana peress illi l-azzjoni odjerna sabiex jiġi kkonsegeit l-legat kellha tiġi diretta kontra l-eredi kollha tal-mejjet Salvu Portelli, kif ukoll issa li mietet Maria Portelli, kellu jkun hemm ukoll it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem il-werrieta kollha tal-istess Maria Portelli u mhux kontra tnejn biss mill-werrieta u ċioe' kontra William Portelli u Paul Portelli li huma wkoll legatarji;

2. Illi fil-mertu u mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, il-konvenut jaqbel li ssir id-diżjoni kif mitluba purche' illi huwa jingħata n-nofs tomna u n-nofs siegħ lilu mħollija mill-mejjet missieru, Salvu Portelli u li huwa jkollu aċċess dirett għall-porzjoni mandra lilu hekk imħollija mill-mejjet missieru, Salvu Portelli minn fuq dik tal-legatarji l-oħra;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kjamat fil-kawża.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' April 1991 fejn ordnat illi l-proċess jiġi rimess lill-perit tekniku sabiex jistabilixxi liema hija l-porzjon raba li t-testaturi konjuġi Portelli kienu ntenzjonati li jħallu bi prelegat lil binhom Pawlu Portelli.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fid-29 ta' Novembru 1994 u minnu maħlufa fl-20 ta' April 1995.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Ottubru 1995 fejn laqgħet it-talbiet tal-kontendenti għall-ħatra ta' periti addizjonali u

nnominat għal dan il-fini lill-A.I.C. Richard Aquilina u l-avukati Dr. Grezzju Mercieca u Dr. Martin Fenech.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Gunju 1997 fejn issostitwiet lil Dr. Martin Fenech bl-avukat Dotttor Joseph R. Micallef.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li saru mill-kontendenti quddiem il-periti addizzjonali.
Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2000 fejn issostitwiet lil Dr. Joseph R. Micallef li sadanittant ġie elevat għall-ġudikatura bl-avukat Dr. Giorgina Scicluna Bajada.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Awissu 2001 fejn innominat lill-A.I.C. Gordon Vella in sostituzzjoni ta' l-A.I.C. Richard Aquilina.

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali legali ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2004 u minnhom maħluf fl-10 ta' Diċembru 2004.

Rat il-pjanti esebiti mill-A.I.C. Gordon Vella fit-18 ta' Ottubru 2006 u minnu kkonfermati fl-istess ġurnata.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi talbet id-diviżjoni ta' fond bir-raba miegħu anness fi Triq Hida in-Nadur, Għawdex, li kien ġie mħolli lilha u lil ħuha l-konvenut William Portelli mill-ġenituri tagħhom bis-saħħa ta' prelegat istitwit fir-raba' artikolu tat-testment tagħhom ta' l-4 ta' Jannar 1983.[1] Wara li l-ewwel perit tekniku kien qasam dan il-fond f'żewġ porzjonijiet sabiex b'hekk tkun tista' ssir din id-diviżjoni,[2] inqala ntopp billi Pawlu Portelli, hu l-kontendenti, li in segwitu ġie kjamat fil-kawża, beda jinsisti illi din id-diviżjoni ma setgħetx isseħħ qabel ma

[1] Dok. B esebit maċ-ċitazzjoni a fol 7 tal-proċess .
[2] Dok. PT 1 a fol. 41 tal-process .

huwa jkun jista' jipperċepixxi l-prelegat li kien ġie mħolli lilu mill-ġenituri tiegħu bl-artikolu tlieta ta' l-istess testment tagħhom. Dan għaliex fil-fehma tiegħu dan il-prelegat, konsistenti f'porzjon raba tal-kejl ta' nofs tomna u nofs siegħ,[3] kien irid jiġi segregat mir-raba annessa mal-fond imħolli bi prelegat lill-kontendenti l-oħra. L-attriċi ma qablitx u sostniet illi l-kjamat fil-kawża kien ġia jipposjedi l-art imħollija lilu b'dan il-prelegat, billi kien akkwistah mingħand il-ġenituri tiegħu permezz ta' kuntratt ta' xiri in atti Nutar Dr. Emmanuel G. Cefai tal-5 ta' Lulju 1982.[4]

Minħabba din il-kwistjoni l-proċess ġie rimess lill-perit tekniku sabiex jipprova jidentifika l-art imħollija bi prelegat lill-kjamat fil-kawża. Fit-tieni relazzjoni tieghu l-A.I.C. David Pace stabilixxa illi din l-art kellha tinqata' mir-raba anness mal-fond ta' Triq Hida, kif indikat minnu fil-pjanta annessa ma' din ir-relazzjoni.[5]

Billi ħadd mill-kontendenti ma kien kuntent b'dawn il-konklużjonijiet peritali, intalbet il-ħatra ta' perizja perizjuri li din id-darba kellha tinkudi wkoll esperti legali, sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-allegazzjoni ta' l-attriċi illi Pawlu Portelli kien ġia ħa f'idejh ir-raba imħollija lilu b'dan il-prelegat meta akkwista n-nofs tomna raba mertu tal-kuntratt ta' akkwist tal-5 ta' Lulju 1982.

Il-periti addizzjonali legali, wara li taw espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji applikabbli fl-interpretazzjoni tat-testmenti, li din il-Qorti a skans ta' ripetizzjonijiet inutili tagħmel tagħha, waslu għas-segwenti konklużjonijiet:

"1. Ma jirriżultax b'ċertezza dak li qegħda tissottometti l-attriċi fis-sens li l-porzjon raba ta' ċirca nofs tomna u nofs siegħ imħollu b'legat lill-kjamat fil-kawża Pawlu Portelli huwa diġa' tiegħu billi huwa dak ir-raba mibjugħ lilu mit-testaturi.

---

3 ara art. III tat-testment imsemmi tal-4.1.1983
4 Dok. X 2 a fol 167 - 168 tal-process .
5 Dok. PT 2 a fol. 90 tal-process .

2. Għalhekk it-testment irid jiġi onorat fit-totalita' tiegħu, inkluż għal dak li jirrigwarda l-legat irrilaxxjat lil Pawlu Portelli.

3. Il-Qorti triq tagħti effett lill-volonta' tat-testatur; din il-volonta' tista' tiġi desunta biss mid-dispożizzjonijiet testamentarji u biss b'mod sussidjarju minn fatturi estrinseċci għat-testment.

4. Ir-raba annessa mal-fond 32 Triq Hida huwa ferm ikbar minn tomna. Jekk wieħed jinkudi l-imnadar bħala raba, allura dan joqrob lejn tomnejn. Iżda jekk wieħed jieħu bħala raba biss dik il-porzjon art li fiha l-ħamrija, allura hemm biżżejjed art biex jiġu sodisfatti ż-żewġ legati flimkien. Dan ikun konformi mad-dispożizzjonijiet testamentarji.

5. Billi hemm nuqqas żgħir fil-kejl globali, dan in-nuqqas għandu jittieħed porporzjonalment bejn iż-żewġ legati. Għalhekk lil William Portelli u lil Carmen Vella, għandha tiġi assenjata - apparti l-bini, l-imnadar, il-garaxx u d-drive-in - l-area imberfla bil-kulur aħdar tal-kejl ta' 5 sigħan u 6 kejliet u ċioe' ftit inqas minn tomna; filwaqt li lil Pawlu Portelli tiġi assenjata l-porzjon bejn il-proprjeta' ta' 32 Hida Street ġia d-dar tat-testaturi u d-dar ta' oħtu Bernardette Logan, li fiha ftit inqas minn nofs tomna u nofs siegħ u ċioe' 3 sigħan u 2.5 kejliet.[6]

6. Il-legat rilaxxjat lil William Portelli u Carmen Vella għandu jinqasam f'żewġ partijiet ugwali li għandu jittella' bix-xorti bejniethom." [7]

Din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa il-proċess kollu, taqbel ma' dawn il-konklużjonijiet peritali u l-konstatazzjonijiet li wasslu għalihom u tagħmilhom tagħha wkoll. Dan għaliex, minkejja dak li sostniet l-attriċi, fis-sens illi l-prelegat imħolli fit-testment tal-ġenituri tagħha ta' l-4 ta' Jannar 1983 kien tniżżel bi żball, għax ir-raba hemmhekk imsemmija kienet ġia ġiet f'idejn ħuha Pawlu Portelli

[6] dana b'referenza għall-pjanta imħejjija mill-A.I.C. Gordon Vella a fol 303 tal-proċess

[7] a fol.301 - 302 tal-process .

permezz tal-kuntratt ta' xiri tal-5 ta' Lulju 1982, hija ma rnexxilhiex tipprova fil-grad ta' ċertezza meħtieġa mil-liġi illi dan il-prelegat kien jirreferi għall-istess raba. Huwa minnu illi l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-art imħollija b'dan il-legat lil Pawlu Portelli, kif ukoll l-art minnu mixtrija ftit qabel bil-kuntratt tal-1982, huma kważi l-istess, għax it-tnejn jinsabu fl-istess triq, ħdejn il-propjeta' tat-testaturi u b'kejl kważi identiku. Imma l-fattur ewlieni illi t-testaturi ma ħallewx lill-attriċi u lill-konvenut William Portelli r-raba kollha annessa mad-dar residenzjali tagħhom li kienet tkejjel iżjed minn tomna, imma speċifikament parti b'ċirka tomna raba anness magħha,[8] u li għalhekk kien hemm mnejn jiġu sodisfatti ż-żewġ legati mill-istess raba, huwa ndikattiv biżżejjed kemm it-testaturi kienu jafu sew x'kienu qed jiddisponu meta għamlu dan it-testment tagħhom, u li ma saru l-ebda żbalji fis-sens suġġerit mill-attriċi.

Għaldaqstant, is-segregazzjoni tat-tliet porzjonijiet formanti parti minn dawn iż-żewġ legati għandha ssir kif stabilita mill-A.I.C. Gordon Vella bil-mod segwenti:

1. l-ewwel billi tiġi segregata l-parti li minnha jrid jiġi sodisfatt il-prelegat rilaxxjat lill-kjamat fil-kawża Pawlu Portelli, kif muri fuq l-ewwel pjanta minnu redatta a fol. 303 tal-proċess, u ċioe' dik il-parti bordurata bil-kulur aħmar fuq l-istess pjanta;

2. imbagħad billi l-kumplament tal-fond, inkluż il-bini jinqasam fi tnejn bil-mod muri fuq it-tieni pjanta minnu redatta a fol. 336 tal-proċess, sabiex wara li tittella x-xorti, tiġi assenjata parti lill-attriċi u parti lill-konvenut William Portelli;

3. Bi qbil bejn il-kontendenti,[9] l-ispiera li hemm fil-fond in diviżjoni viċin il-post indikat bħala resevoir fil-pjanta tal-perit Gordon Vella, għandha tkun soġġetta għas-servitu' passiv favur l-mina li minnha l-aħwa Portelli kollha, ulied il-mejjet Salvu, għandhom dritt jieħdu l-ilma darba fil-ġimgħa. Dan is-servitu' jkun fis-sens li ma jistax jittella' l-

[8] sottolinear ta' din il-Qorti
[9] ara verbal tal-21 ta' Frar 2007

ilma minn din l-ispiera u li ma jistax jintefa ilma mniġġes ġo fiha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna d-diviżjoni tal-fond bin-numru tnejn u tletin (32) b'bieb ieħor mingħajr numru fi Triq Hida, n-Nadur, Għawdex, b'tomna raba mieghu anness u mħollija lill-attriċi u lill-konvenut William Portelli bis-saħħa tar-raba artikolu tat-testment tal-ġenituri tal-kontendenti tal-4 ta' Jannar 1983 bil-mod indikat mill-A.I.C. Gordon Vella fit-tieni pjanta annessa mar-relazzjoni tal-periti addizzjonali; b'dana pero' illi qabel ma ssir din il-qasma, għandha tiġi segregata mill-art ta' madwar dan il-fond, il-parti mħollija lill-kjamat fil-kawża Pawlu Portelli bit-tielet artikolu ta' l-istess testment, bil-mod indikat mill-istess perit fl-ewwel pjanta minnu redatta u annessa ma' l-istess relazzjoni;

2. Għandha tittella' x-xorti bejn l-attriċi u l-konvenut William Portelli, sabiex jiġi determinat kif ser jiġu assenjati bejniethom iż-żewġ porzjonijiet hekk stabiliti ;

3. Għall-fini tal-kuntratt opportun tinnomina lin-Nutar Dottor Paul George Pisani, li għandu jippubblika dan l-att nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 2007 fl-uffiċċju tiegħu fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.), u lill-avukat Dottor Angele Formosa għall-eventwali kontumaċi;

4. Bi qbil bejn il-kontendenti, irid jiġi redatt fl-istess kuntratt illi l-kontendenti jaqblu illi l-ispiera li hemm fil-fond in diviżjoni, viċin il-post indikat bħala 'resevoir' fil-pjanta tal-perit Gordon Vella, għandha tkun soggetta għas-servitu' passiv favur il-mina li minnha l-aħwa Portelli kollha ulied il-mejjet Salvu, għandhom dritt jieħdu l-ilma darba fil-ġimgħa. Din is-servitu' tkun fis-sens li ma jistax jittella' l-ilma minn din l-ispiera, u li ma jistax jintefa' ilma mniġġes għal ġo fiha.

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn it-tliet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------